


# News Releases



# L-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP): Ottubru tal-2023

NR206/2023 Data tal-Ħruġ: 17 ta' Novembru 2023

*F'Ottubru 2023, ir-rata annwali tal-inflazzjoni hekk kif imkejla mill-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICP) kienet 4.2 fil-mija, tnaqqis mill-4.9 fil-mija rreġistrata f'Settembru 2023.*




**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

F'Ottubru 2023, l-ogħla rati ta' inflazzjoni kienu rreġistrati fl-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (8.1 fil-mija) u fl-Edukazzjoni (5.6 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-inqas rati annwali tal-inflazzjoni kienu fil-Komunikazzjoni (-9.1 fil-mija) u fl-Ilbies u ż-żraben (-0.4 fil-mija) (Tabella nru 1).

## Ċart nru 1. Rati ta' inflazzjoni




Ċart nru 2 turi l-impatt irreġistrat fit-tnax-il taqsima tal-ECOICOP fuq ir-rata annwali tal-inflazzjoni. Impatt huwa kejl li jindika l-kontribuzzjoni fuq l-inflazzjoni għal kull taqsima. L-impatt jikkunsidra kemm il-piżijiet tal-indiċijiet kif ukoll ir-rata annwali tal-inflazzjoni skont it-taqsima.

F'Ottubru tal-2023, l-akbar impatt pożittiv fuq l-inflazzjoni annwali ġie mill-Indiċi tal-Ikel u x-xorb mhux alkoħoliku (+1.40 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla ta' prodotti moħmija. It-tieni u t-tielet l-akbar impatti pożittivi fuq l-inflazzjoni ġew innotati fl-Indiċi tar-Ristoranti u lukandi (+1.02 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Akkomodazzjoni, ilma, elettriku, gass u tipi ta' karburanti oħrajn (+0.53 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla fis-servizzi tar-ristoranti u fil-kirjiet, rispettivament (Ċart nru 2).

L-impatti negattivi fuq l-inflazzjoni annwali ġew irreġistrati fl-Indiċi tal-Komunikazzjoni (-0.35 punti perċentwali) u fl-Indiċi tal-Ilbies u ż-żraben (-0.02 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet anqas tas-servizzi tal-mowbajl u l-lbies, rispettivament (Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. Il-kontribut tat-tnax-il taqsima ewlenija tal-ECOICOP għar-rata annwali tal-inflazzjoni

Ottubru 2023




Nota: Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.

**L-HICP (Malta u ż-żona tal-ewro)**

Din is-sezzjoni tqabbel l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumaturi ta' Malta mal-aħħar rati taż-żona tal-ewro. F'Ottubru, ir-rata annwali għal Malta kienet ta' 4.2 fil-mija, li tiġi 1.3 punti perċentwali aktar mir-rata ta' 2.9[1] fil-mija rreġistrata fiż-żona tal-ewro (Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. It-taqsimiet kollha tal-HICP f'Malta u fiż-żona tal-ewro




[1] L-aħħar data disponibbli għaż-żona tal-ewro hija stima, li tkun għadha proviżorja.

Sors: NSO u Eurostat.